

Brussell, 29 ta' Mejju 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0172 (COD)**

9465/18
ADD 5

ENV 357
MI 402
IND 149
CONSOM 158
COMPET 371
MARE 6
RECH 231
SAN 166
ENT 100
ECOFIN 504
CODEC 874

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 28 ta' Mejju 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2018) 255 final

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT
Plastiks li Jintużaw Darba Biss u Rkaptu tas-Sajd
Li jakkumpanja d-dokument
Proposta għal DIRETTIVA tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-
tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2018) 255 final.

Mehmuż: SWD(2018) 255 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2018
SWD(2018) 255 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Plastiks li Jintużaw Darba Biss u Rkaptu tas-Sajd

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent

{COM(2018) 340 final} - {SEC(2018) 253 final} - {SWD(2018) 254 final} -
{SWD(2018) 256 final} - {SWD(2018) 257 final}

Il-problema

L-ammont ta' żibel tal-plastik fl-ibħra qed jikber, u qed jhedded l-ekosistemi, il-bijodiversità, is-saħħa tal-bniedem kif ukoll it-turiżmu, is-sajd u t-tbaħħir. Il-problema tmur lil hinn mill-fruntieri.

Il-plastik jikkostitwixxi 85 % tal-oġġetti taż-żibel fuq ix-xtajtiet Ewropej. Nofsu huwa "plastik li jintuża darba biss" li jkun intuża darba, għal perjodu qasir ta' żmien, qabel ma ntrama. L-irkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew inkella skartat (ALDFG, abandoned, lost or otherwise discarded fishing gear) jammonta għal 27 % aktar.

Il-politiki Ewropej dwar l-ilma, il-baħar, l-iskart, il-prodotti u s-sajd għadhom ma jindirizzawx b'mod adegwat iż-żibel fil-baħar u bosta miżuri tħallew għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri, li jifframmenta s-suq intern.

Għaliex l-UE għandha taġixxi u x'inhu l-għan?

Azzjoni konġunta u proporzjonata fil-livell tal-UE tista' tnaqqas iż-żibel fil-baħar filwaqt li tiżgura Suq Uniku u ċertezza legali għan-negozji.

L-għan ġenerali huwa li titnaqqas il-ħsara ambjentali minn ċerti prodotti tal-plastik, filwaqt li tkun promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari bis-saħħa ta' alternattivi innovattivi u b'użi multipli.

L-għażliet ta' politika

L-analiżi ffukat fuq l-irkaptu tas-sajd u fuq l-10 plastiks l-aktar misjuba li jintużaw darba biss (madwar 86 % tal-plastik li jintuża darba biss): fdalijiet tas-sigaretti; fliexken tax-xorb u tappijiet; stikek tal-cotton buds; pakketti tal-krisps; wet wipes; assorbenti sanitarji; pożati; straws; ħawwada; tazez tax-xorb; kontenituri tal-ikel kif ukoll irkaptu tas-sajd.

Ġiet analizzata firxa ta' għażliet li tqabblu ma' xenarju bażi li tinkludi r-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd u d-Direttiva dwar il-Faċilitajiet ta' Akkoljenza fil-Portijiet, kif ukoll l-Istrateġija għall-Plastiks u l-leġiżlazzjoni dwar l-iskart riveduta.

L-għażla ppreferuta

Din l-għażla se **tnaqqas b'mod sinifikanti l-ammont ta' żibel fil-baħar**. Għall-plastiks li jintużaw darba biss, imkejla bl-għadd, **it-tnaqqis ikun madwar nofs**. Din tinkludi:

- Ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għall-ispiża tal-prevenzjoni u tat-tindif taż-żibel minn filtri tas-sigaretti, fliexken tax-xorb, pakketti tal-krisps, wet wipes, assorbenti sanitarji, tazez tax-xorb, kontenituri tal-ikel, bżieġaq u għall-iżgurar tal-ġestjoni tajba tal-iskart mill-irkaptu tas-sajd iddanegġat, li m'għadux jintuża u li jittella' mill-baħar;
- Inċentivi għas-sajjieda biex jirritornaw irkaptu tas-sajd iddanegġat, li m'għadux jintuża u li jittella' mill-baħar u jitwassal fil-port;
- Miżuri għad-disinn tal-prodotti għall-irbit tat-tappijiet mal-fliexken tax-xorb;
- Miri għat-tnaqqis tal-verżjonijiet tal-plastik li jintużaw darba biss ta' tazez tax-xorb, ta' wet wipes, u ta' kontenituri tal-ikel;

- Projbizzjoni fuq il-verżjonijiet tal-plastik li jintużaw darba biss tal-istikek tal-cotton buds, tal-istikek tal-plastik tal-bżieżaq, tal-pożati, tal-istraws u tal-ħawwada.

Fl-2030, għall-plastik li jintuża darba biss, din l-għażla għandha tiffirka l-ekwivalenti ta' 2,6 miljun tunnelli ta' CO₂. Din għandha tevita l-ħsara ambjentali (ekwivalenti għal EUR 11 biljun). Se jkun hemm spejjeż tal-konformità għan-negozji (madwar EUR 2 biljun) u għall-ġestjoni tal-iskart (EUR 510 miljun). Il-konsumaturi għandhom jiffrankaw il-flus (madwar EUR 6,5 biljun), iżda se jiffaċċjaw xi inkonvenjenza.

Miżura addizzjonali, Skema ta' Rifużjoni jew sistema ekwivalenti, se tkompli tnaqqas b'mod sinifikanti ż-żibel fil-baħar, bi spiża żejda aċċettabbli (madwar 1,4 biljun EUR).

L-għażla ppreferuta għall-irkaptu tas-sajd u tal-akkwakultura hija l-introduzzjoni tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għall-produtturi tal-plastik inkorporata f'irkaptu tas-sajd u tal-akkwakultura u inċentivi finanzjarji biex jittejjeg ir-ritorn tal-irkaptu lejn ix-xatt. Din għandha tirriżulta fi spejjeż għall-industrija ta' madwar 0,16 % tad-dħul. L-għażla se tikkomplementa l-miżuri mmirati għall-irkaptu tas-sajd u se tiżgura li l-materjal tal-plastik mill-irkaptu tas-sajd jidħol fil-fluss tal-iskart u tar-riċiklaġġ, billi tinvolvi l-produtturi tal-materjal tal-plastik għall-irkaptu tas-sajd u żżid ir-rati ta' riċiklaġġ tal-materjal tal-irkaptu tas-sajd.